*- LIBELL-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru:   20**
**Citazzjoni Numru: 294/97/RCP**

**Reginald Cini**

**vs**

**Ray Bugeja fil-kwalita tieghu bhala Editur u fil-kwalita tieghu bhala stampatur tal-gurnal *The Malta Independent***

**Il-Qorti,**

**I.  PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti bhala editur u stampatur tal-gurnal *The Malta Independent* fil-harga tal-Hadd 11 ta Frar 1996, bl-artikolu ntitolat *"The make or break palm print",* taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk il-konvenuti irrendew ruhhom hatja ta' malafama u kwindi huma tenuti li jhallsu d-danni lill-attur a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Press Act, 1974.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti tiddecied din il-kawza billi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut fil-kapacita tieghu kif citat ta malafama lill-attur bl-artikoli fuq imsemmija.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Press Act 1974.

3. Tordna l-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-21 ta' Jannar 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-3 ta' Marzu 1998 fejn gie eccepit:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-kaz ta' Reginald Cini inghata gustament prominenza kbira fil-gazzetti minhabba li l-kaz ta' Karin Grech baqa' ma giex rizolt avolja ghadda daqshekk zmien.

2. Illi dak li gie ppubblikat kien it-taghrif li kellha fil-pussess taghha *in buona fede* l-gazzetta, liema taghrif waslilha minn fonti li l-eccipjent ma jistax jizvela.

3. Illi f'socjeta' demokratika huwa dover tal-gazzetta li twassal lill-pubbliku t-taghrif li jaslilha minn fonti ta' min jorbot fuqhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 13 tal-process.

Rat il-verbali tal-26 ta' Marzu 1998, tal-4 ta' Novembru 1998, tat-12 ta' Mejju 1999 fejn xehed l-attur minn jeddu u Dr Azzopardi rriserva l-kontro-ezami.

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2000 fejn xehed in kontro-ezami l-attur u Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenut talab li in vista tad-dikjarazzjoni tax-xhud li ma kellu l-ebda *conviction* dwar kazijiet ta' splussivi kemm f'Malta u f'pajjizi ohra, l-konvenut jigi awtorizzat jingungi bhala xhud lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipproduci kopja tal-foedina penali tal-attur biex jigi kontrollat jekk ix-xhud qalx is-sewwa dwar kundanni f'Malta, fl-Awstralja u fl-Ingilterra. Dr David Camilleri ghall-attur oppona ghal din it-talba stante li dawn id-dokumenti huma irrilevanti ghal din il-kawza peress illi l-addebiti fl-artikolu in kwistjoni jitratta incidnet partikolari u peress li inoltre l-esebizzjoni tal-foedina penali tista' tesponi incidenti li m'ghandhomx x'jaqsmu ma splussivi. Il-Qorti tat digriet u cahdet it-talba u dan wara li kkunsidrat illi l-foedina penali relattiva ghall-attur li tista' tingieb mill-pajjizi esteri u anki hawn Malta jistghu jinkludu reati ohra minbarra dawk relattivi ghall-esplossivi u b'hekk ikun qieghed jikser id-dritt tal-privatezza tal-attur li huwa protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-konvenut nomine tad-19 ta' Jannar 2000 u r-risposta tal-attur tat-28 ta' Jannar 2000. Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Ottubru 2000 fejn f'dan l-istadju il-Qorti cahdet it-talba u kkonfermat id-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u tal-5 t'Ottubru 2000 fejn Dr David Camilleri ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2001 fejn xehdu Reginald Cini u l-konvenut Ray Bugeja. Dr Tonio Azzopardi talab li jtella bhala xhud lil Prof Edwin Grech li ghalkemm mhux xhud dikjarat jinsab fl-ahjar posizzjoni li jfornixxi l-provi mehtiega ghar-retta amministrattiva tal-Gustizzja. Dr Jose` Herrera oppona u dan peress li it-talba tal-istess konvenut ma rreferiet ghal ebda cirkostanzi specjali fil-ligi meta tali xhieda tista' tigi ammessa. Il-Qorti tat digriet u cahdet it-talba stante li ma rrizultax li l-konvenut ma kienx jaf b'dan ix-xhud fil-mument tal-prezenata ta' l-eccezzjonijiet u lanqas jidher li n-necessita` tieghu, jekk ix-xhieda tieghu hi rilevanti ghall-kaz *de quo* u ghall-eccezzjonijiet kif intavolati, qamet fil-mori tal-kawza. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-25 t'April 2001.

Rat il-verbal tal-25 t'April 2001 fejn peress li l-kawza kienet differita ghal din is-seduta ghall-provi tal-konvenut li ma ressaq l-ebda xhieda ghalkemm hu kien prezenti, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza. Dr Camilleri talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet, u l-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' tlettin (30) jum mill-lum bin-notifika lill-kontro-parti li jkollu tlettin (30) jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-30 t'April 2001 u r-rispota tal-attur tat-22 ta' Mejju 2001, u d-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Gunju 2001 fejn laqghet it-talba w issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, b'dan pero` li l-konvenut ghandu jressq il-provi kollha li fadal fl-istess differiment, b'dan li l-provi u x-xhieda jkunu dikjarati fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2001 fejn Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenut prezenti msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-konvenut Bugeja ddikjara li l-Avukat tieghu informah li qal lil zewg Pulizija biex jigu jixhdu ghas-seduta tallum u dawn infurmawh li mhux ha jattendu l-Qorti peress li hi Police Day. Dr Herrera oppona ghal differiment u nsista fuq l-istess. Il-Qorti ghalhekk iddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa anke peress li d-digriet taghha tal-4 ta' Gunju 2001 kien car ghal liema skop kienet differita l-kawza llum. Il-kawza ghalhekk giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-16 ta' Lulju 2001 u r-risposta tal-attur tal-31 ta' Lulju 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Awissu 2001 fejn il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u produzzjoni tax-xhieda, stante li b'digriet tal-4 ta' Gunju, 2001 din il-Qorti gia kienet darb'ohra ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, u halliet il-kawza ghall-provi

kollha ghat-12 ta Lulju, 2001 u l-konvenut ma ressaq ebda provi dakinhar u lanqas harrek xhieda u jidher ukoll li mill-21 ta' April, 2001 il-konvenut ma ressaq ebda prova u ghalhekk filwaqt li tikkonferma d-digriet taghha tat-12 ta' Lulju, 2001 fejn iddikjarat ix-xhieda tal-konvenut maghluqa, tipprefiggi pero' terminu ta' 30 gurnata millum ghall-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut, bin-notifika/visto tad-Difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 gurnata biex jirrispondi u thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru, 2001.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRINCIPLJI LEGALI.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta' Dicembru 1998.)**,"Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta' April,1999) **u "Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"**

**(**Citaz. Numru 1840/97/RPC- **P.A.** 14 ta' Ottubru ,1999), **u ukoll "Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar  wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess u il-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Ineffetti fis-sentenza **“Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja”** (P.A. N.A. 19 ta’ Jannar 1996.) li:-

*“Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta’ espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta’ haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti”*.

Illi f’dan il-kuntest id-differenza bejn *“allegazzjoni ta’ fatt”* u *“comment”* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*“F’materja ta’ ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn “allegation of fact” u dak li huwa “comment”. Biex tirnexxi id-difiza tal-verita’ tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair u bona fide” jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru”* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *“jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-‘justification’ u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista’ jkun hemm ‘fair comment’* (“**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit”** Vol.XI.IV.1195; **“Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit”** JSP. 929/90/JSP. 3 ta’ Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati.**("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine".** A.C. 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien".** ( A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

Fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe". (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista jkun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej"* **("Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** P.A.H. 28 ta' Novembru, 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi innotat dak li intqal fis-sentenza **"Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu il-konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja

tad-Drittijiet Umani, stante li illum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995**)** intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li il-Qorti ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika", u* tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika', il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

L-istess gie affermat fis-sentenzi "**John Zammit vs Felix Agius**" (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP) u "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta' Ottubru 2000.

## *B.* APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINCIPJI GHALL-KAZ *DE QUO*.

Illi applikati l-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-attur qed jallega li l-artikolu "*The make-or-brake palm print"* ippubblikat fil-gazzetta *"The Malta Independent"* tal-Hadd 11 ta' Frar 1996 huwa malafamanti fil-konfront tieghu stante li attribwielu fatti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu.

Illi jidher li l-istess artikolu qed jallega li l-Pulizija kienet qed tipprova takkwista "*palm print"* u "*finger print"* tal-atturi in konnessjoni mal-kaz tal-qtil ta' Karin Grech b'ittra bomba fis-sena 1997, u l-attur gie identifikat bhala l-persuna li l-istess Pulizija riedet tkellem ghaliex kien jinsab Malta meta gie kommess id-delitt, u li l-istess "*has been convicted both in Australia and the U.K. in connection with explosions*".

Illi l-artikolu jkompli jghid li dan is-suspett origina fin-1986 meta instabu *palm print* u *finger print* minn *envelope* dwar ittra bomba simili indirizzata lill-Dr Paul Chetcuti Caruana fit-28 ta' Dicembru 1977, l-istess data li sar il-qtil ta' Karen Grech.

Illi l-artikolu jkompli li "*the police believe the palm print matched Cini's. Investigators also wanted to question Cini in connection with an explosion that killed a man in Ghajn Dwieli Road, Paola in October 1969. The Police are however not 100% sure about the palm print, which is still*

*being considered as outstanding evidence. That is why they need a fresh set of palm prints".*

Illi l-artikolu jkompli jghid li s'issa l-istess Pulizija ma rnexxilhomx jakkwistaw dawn il-*palm prints* u hemm certa diffikultajiet sabiex jigu akkwistati d-dokumenti relattivi peress li "*Cini is believed to be an influential figure in the Australian underworld".*

Illi jidher li l-attur qed isostni li huwa hassu malafamat stante li l-artikolu "*qed jaghti l-impressjoni lill-Dr Grech illi nstab il-qattiel tat-tifla tieghu*".

Illi l-istess attur ikompli jghid illi: "*ma kelli x'naqsam xejn ma dan il-qtil, u lanqas meta kien gie l-Kummissarju tal-Pulizija l-Awstralja, jiena ma kont naf b'xejn".* Mistoqsi mill-Qorti jekk kienux ittiehdu l-*finger prints* tieghu: "*nghid li veru li kienu haduli l-finger prints tieghi pero` mhux veru li l-Kummissarju tal-Pulizija gie l-Awstralja biex jiehu l-finger prints tieghi*".

Illi l-attur kompla jghid li "*l-Awstralja qatt ma kelli inkwiet mal-Pulizija".* Kompla li kien cempell lill-Kummissarju tal-Pulizija: "*li qalli bit-telephone li riedu jkellimuni fuq il-qtil ta' Karen Grech u li kienu gejjin l-Awstralja*. *Il-Kummissarju qalli li kien ser jitla' l-Awstralja biex jittiehduli l-finger prints*".

Illi dwar il-kondotta tieghu l-istess attur sostna li huwa kien wehel Habs ghal tlettax (13)-il gurnata fuq akkuza ta' glied

u l-kaz kien deciz mill-Qrati ta' Malta stante li l-fatt kien gara Malta u inoltre kkonferma li qatt ma gie "*misjub hati minn ebda Qorti dwar splussivi*". "*Dan jiena nikkonfermah u neskludih bl-izjed mod kategoriku*". Sostna li hu kien telaq l-Awstralja xi tlett xhur wara l-qtil ta' Karen Grech.

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-istess attur sostna li l-ilmenti tieghu dwar l-istess artikoli huma s-segwenti:

(a) illi huwa gie ndikat li huwa kellu kondotta hazina fir-rigward ta' splussivi kemm f'Malta kif ukoll fl-Awstralja u anke fl-Ingilterra.

(b) illi fl-artikolu kien intqal li l-Pulizija Maltija kienet telghet l-Awstralja biex tiehu l-fingerprints tieghu u rrefera ghal dik il-parti tal-artikolu fejn hemm spjegat id-diffikultajiet li kien hemm sabiex jingiebu ritratti u *fingerprints* tal-attur peress li "*Cini is believed to be an influential figure in the Australian underworld*".

(c) illi l-attur hass li l-artikolu ta' l-impressjoni lill-Dr Grech illi nstab il-qattiel tat-tifla tieghu, tant li minhabba dan l-artikolu huwa sostna *"li uliedi lanqas biss baqghu ikellmuni*".

Illi min-naha tieghu il-konvenut qed jallega illi l-artikolu minnu ppubblikat kien ibbazat fuq taghrif fundat li l-Pulizija riedet taghmel ezami komparattiv bejn *palm print* li kellha in konnessjoni mar-reat u l-persuna li x'aktarx kienet tinsab l-

Awstralja jigifieri l-attur Reginal Cini, tant li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-istess konvenut kwota dan il-bran mill-artikolu rekriminat:

*"Police efforts to match a palm print with that of a man which has been held as the prime suspect in the 1977 letter-bomb murder of Karin Grech for the past 10 years and who is believed to be living in Australia have proved futile. Unless efforts through diplomatic channels are made this case will never be solved, the Malta Independent has been told*."

Illi ma jidhirx mill-istess nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut li gew kwotati brani ohra mill-istess artikolu, u fil-fatt l-istess konvenut qed jistrieh fuq dak li huwa jsejjah li l-pubblikazzjoni saret *in buona fede* u b'sens ta' dover socjali da parti tal-Editur tal-gazzetta li ghandu responsabbilita` lejn is-socjeta` bhala *watch dog*.

Illi in sostenn tal-argumenti tieghu l-istess konvenut jelenka dak li huwa jsejjah bhala kumplikazzjonijiet u in konsistenzi fix-xhieda tal-attur, u jirreferi partikolarment ghax-xhieda tal-istess fejn enfasizza li l-attur l-ewwel qal li huwa telaq minn Malta lejn l-Awstralja tlett xhur qabel il-qtil ta' Karen Grech u li wara l-istess attur qal li kien telaq minn Malta tlett xhur wara l-qtil tal-istess Karen Grech; emfasizza wkoll li l-Pulizija fil-fatt riedet il-*palm print* tal-attur in konnessjoni mal-investigazzjonijiet taghha dwar l-istess qtil u mhux kif qal l-attur il-*finger prints* tieghu, u argumenta wkoll li f'nifs

wiehed l-attur qed jghid li uliedu cemplulu u qalulu biex jahrab mill-Awstralja ghax qed ifitxuh il-Pulizija u f'parti ohra tax-xhieda jallegaw li l-attur ikkontradixxa ruhu ghaliex sostna li minhabba l-istess artikolu uliedu m'ghadhomx ikellmuh.

Illi l-istess konvenut ikompli jiggustifika l-publikazzjoni tal-artikolu minnu redatt billi jsostni li l-liberta tal-espressjoni hija wahda mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u kwota d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz "**Handyside vs United Kingdom**" (7 ta' Dicembru 1976) fejn intqal:

"*Subject to paragraph 2 of article 10 it is applicable not only to information or ideas that are favorably received or regarded as an offensive or a matter of indifference but also those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance, and broad mindedness, without which there is no democratic society. This means that amongst other things that every formality, condition, restriction or penalty imposed in this sphere must be proportional to the legitimate aim pursued."*

Illi rrifera wkoll ghall-kaz "**De Haes and Gijsels vs Belgium**" (24 ta' Frar 1997) fejn intqal:

*"In this connection, the Court reiterates that freedom of expression is applicable not only to "information" or "ideas" that are favorably received or regarded as inoffensive or as*

*a matter of indifference but also to those that offend, shock or disturb the State or any section of the community. In addition, journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see, mutatis mutandis, the Prager and Oberschlick judgement cited above, p.19, para. 38).*

*"Looked at against the background of the case, the accusations in question amount to an opinion, whose truth, by definition, is not susceptible of proof. Such an opinion may, however, be excessive, in particular in the absence of any factual basis, but it was not so in this instance; in that respect the present case differs from the Prager and Oberschlick case (see the judgement cited above, p.18, para. 37)".*

*"Although Mr De Haes and Mr Gasels' comments were without doubt severely critical, they nevertheless appear proportionate to the stir and indignation caused by the matters alleged in their articles. As to the journalists' polemical and even aggressive tone, which the Court should not be taken to approve, it must be remembered that Article 10 protects not only the substance of the ideas and information expressed but also the form in which they are conveyed (see, as the most recent authority, the Jersild judgement cited above, p.23, para.31)".*

*"In conclusion, the Court considers that, regard being had to the seriousness of the circumstances of the case and of*

*the issues at stake, the necessity of the interference with the exercise of the applicants' freedom of expression has not been shown, except as regards the allusion to the past history of the father of one of the judges in question (see paragraph 45 above)".*

*"There has therefore been a breach of Article 10."*

*"...it is primarily for the national authorities to determine the need for an interference with the exercise of freedom of expression. What they may do in this connection is, however, subject to European supervision embracing both the legislation and the decisions applying it, even where they have been given by an independent court (see, mutatis mutandis, the Prager and Oberschlick v. Austria judgement of 26 April 1995, Series A no. 313, pp. 17-18, paras. 34-35)."*

Illi l-istess konvenut qieghed jadotta u jaghmel tieghu il-principju espress mill-Qorti Ewropeja illi:

"... *It is incumbent on the press to impart information and ideas of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas. The public also has a right to receive them (see, among other authorities, the Jersild v. Denmark judgement of 23 September 1994, and the Goodwin v. The United Kingdom judgement of 27 March 1996)."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma dawn il-principji fuq elenkati stante li dawn ibbazati fuq principji generali li jikkonfermaw u jissudaw l-principju li dment li l-istess artikolu ghandu bazi informattiva, w allura ibbazat fuq fatti, u dawn huma ta' interess pubbliku ma jistax jinghad li bil-pubblikazzjoni tal-istess fatti ikun hemm ksur tal-ligi tal-istampa; l-istess japplika ghal dak li hija opinjoni tal-artikolista, li f'certu kampi ta' interess pubbliku u socjali, tali opinjoni tista' tkun anke azzardata, w addirittura disposta li taghti skoss, dment li wiehed jibqa' fil-limiti ta' dak li huwa ammissibbli f'socjeta' demokratika, b'rispett anke lejn id-dritt ta' persuna li tkun tista' tiddefendi l-unur taghha. Huwa fil-fatt dan il-bilanc li din il-Qorti skond il-ligi nostrana ghandha tara li jkun imhares, u cioe' d-dritt fondamentali tad-dritt ta' espressjoni min-naha l-wahda li jinkomprendi d-dritt li tigi ddesiminata l-informazzjoni u min-naha l-ohra d-dritt ta' individwu li jhares r-reputazzjoni u l-fama tieghu, u dan anke fl-interess tas-salvagwardja ta' l-ordni pubbliku u l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi huwa l-istess **artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja** li johroh dan il-bilanc stante li filwaqt li jinghad li *"everyone has the right to freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers",* min-naha l-ohra l-istess artikolu fit-tieni parti tieghu jiddisponi li *"the exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilities, may be subject to formalities, conditions,*

*restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the prevention and disorder or crime, for the protection of health and morals, for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary".*

Illi waqt li din l-istess Qorti qeghda tezamina l-provi prodotti, u l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istess huwa opportun f'dan l-istadju li wiehed jirreferi ghal dak li intqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. RCP. l-1 ta' Lulju 1999) fejn giet ikkwotata s-sentenza fl-ismijiet "**Lawrence Grech vs l-Onor. Prim Ministru *et***" (Qorti Kost. 15 ta' Mejju 1995 - Vol. LXXIX Pt. 1. Pg. 148) li sostniet illi "*Kulhadd ghandu d-dritt li jipprotegi r-reputazzjoni u fama tajba tieghu; li wiehed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-istima li persuna tgawdi fis-socjeta' hija haga kerha u ta' min jistmerrha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull gid materjali u l-integrita` fizika taghna timmira wkoll li tharsilna l-integrita` morali taghna kif ukoll l-isem tajjeb taghna. Dan kollu huwa ragonevolment mehtieg f'socjeta' demokratika u ghalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-ligi jaghmel ghall-liberta` tal-espressjoni, bhala dritt fondamentali, ghandha l-iskop li tipprotegi r-reputazzjoni u l-fama ta' haddiehor.*" Dan inghad mill-Qorti Kostituzzjonali a rigward l-**Artikolu 29 tal-**

**Kap 248**, pero` japplika wkoll ghall-**Artikolu 28 tal-istess Kap.**

Illi sabiex wiehed juri jekk id-dritt li wiehed jipprotegi r-reputazzjoni u l-fama tajba tieghu giex mittiefes wiehed irid ihares **oggettivament** lejn il-kitba *de quo* b'mod li wiehed jara x'fehem qarrej ta' intelligenza ordinarja hu u jaqra dak l-artikolu.

Illi fil-kawza "**Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja**" (P.A. (N.A.)19 ta' Jannar 1996.) intqal li:-

"*Il-linja medjana fejn propju d-dritt ta' espressjoni libera taccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … … … … …, fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti. - F'dan il-kaz jonqos il-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu bbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispekkjawx il-fatti*."

Illi dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-sentenzi ricenti fl-ismijiet "**Onor. Josef Bonnici vs Joe Chetcuti u Frans Ghirxi**" (P.A. 26 ta' Marzu 1999.) u "**Rev. Mons. Dr. Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja**" (P.A. 22 ta' Marzu, 1999).

Illi konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li "*kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar*." L-istess Qorti fis-sentenza "**Edgar Bonnici Cachia**

**vs Dr. Michael Frendo et noe**” (PA. (J.F.) 27 ta’ April 1999 Vol. LXXII. Pt III. Pg 792) sostniet:-

“*Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem ukoll li notizzji ta’ certu ‘hoss’ ma jistghux ma jixxandrux. Min naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma’ kitbiet li ‘jhammgu’ gravament ir-reputazzjoni personali b’mod li ma jirrispekkjawx il-verita`*.”

Illi dan kollu jaghmel id-distinzjoni bejn “allegazzjoni ta’ fatt” u kummenti fuq il-fatt “jew allegati fatti” wahda deciziva, jew kif ahjar maghruf “*allegation of fact*” u “*comment*” (vide **“Dr. Joseph Ciappara vs Joseph Zammit”** [P.A. (J.S.P.3 ta’ Ottubru, 1991); **“Joseph J. Vassallo vs Paolo Pace”** [A.K. (MG) 17 ta’ Jannar, 1951]; **“Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et noe”** [P.A.(W.H) 28 ta’ Novembru, 1953) ilkoll ikkwotati fis-sentenza ta’ din il-Qorti “**Marin Hili vs Felix Agius**” (Citazzjoni Numru 1767/97/RCP – P.A. 3 ta’ Dicembru,1998).

Illi abbazi ta’ dak fuq espost jirrizulta li kien fil-kors tal-investigazzjoni mill-Pulizja Maltija fil-kaz tal-qtil b’ittra boma tal-mibkija Karin Grech, liema delitt kien sehh fin-1977, li l-Pulizija Maltija riedet li tqabbel il-*palm print u finger print* li kienu gew elevati minn fuq *envelope* ta’ ittra-bomba simili li kienet intbaghatet lil Dr. Paul Chetcuti Caruana, minghajr ma splodiet fit-28 ta’ Dicembru 1977, ma dik tal-attur u

jidher li l-attur ikkonferma huwa innifsu dan kollu meta fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1999 sostna li:-

*"Darba minnhom cempluli uliedi minn hawn Malta u qaluli biex nahrab mill-Awstralja il-ghaliex kienu gejjin il-Pulizija minn Malta iffitxuni. Jiena kont inkwetajt hafna u cempilt lill-Kummissarju tal-Puliizja hawn Malta biex nistaqsih x'kienet din il-bicca. Il-Kummissarju qalli bit-telephone illi riedu ikellmuni fuq il-qtil ta' Karin Grech u li kienu gejjin l-Awstralja. Il-Kummissarju qalli li kien ser jitla' l-Awstralja biex jittiehduli l-fingerprints".*

Illi minn dan, fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li f'xi zmien, mhux necessarjament ezatt wara id-delit, huwa veru li l-istess Pulizija Maltija riedet tottjeni l-*palm prints* u *l-finger prints* tal-attur sabiex tqabbilhom ma dawk elevati minn fuq l-*envelope* tal-ittra bomba fuq imsemmija, u jidher ukoll li fil-fatt tali *finger prints* kienu ittiehdu minghand l-attur kif huwa stess jikkonferma fl-istess xhieda tieghu tat-12 ta' Mejju 1999.

Illi kkonsidrat li dan id-delitt ta' Karin Grech, huwa wiehed mill-ghar delitti li saru f'Malta fi zmien relattivament ricenti, u kkunsidrat ukoll il-fatt li tali kaz baqa' ma huwiex solvut, u anke il-fatt li s-soluzzjoni tal-istess kaz, kien u jibqa' materja ta' interess pubbliku, huwa naturali u ma hemm xejn hazin li jsir raportagg fuq l-investigazzjonijiet li kienu qed jiehdu l-istess Pulizija fuq il-kaz, dment li dan ma jfixkilx l-investigazzjonijiet stess tal-Pulizija, u dment li tigi

rispetteta r-reputazzjoni ta' individwi, huma min huma, iktar u iktar meta dan qatt ma jirrizulta li gie akkuzat dwar l-istess reat investigat.

Illi pero' dan l-artikolu mar oltre minn hekk, ghaliex ma illimitax ruhu ghall-ewwel paragrafu tal-istess artikolu rikriminat, li kkwota l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mar hafna oltre minn hekk, stante li attribwixxa lill-attur diversi allegazzjoniet ta' fatt, li certament iweggghu ir-reputazzjoni tal-attur, stante li l-ebda wiehed minn dawk l-allegazzjonijiet ma gew ippruvati quddiem din il-Qorti, nonostante l-fatt li l-konvenut inghata diversi opportunitajiet biex jaghmel dan.

Illi dan huwa iktar gravi meta wiehed jikkonsidra in-natura ta reati ta' portata kriminali li gew attribwiti lill-attur permezz tal-istess allegazzjonijiet kontenuti fl-imsemmi artikolu tal-gazzetta, li prezentaw lill-attur bhala persuna kriminali tant li jinghad fl-istess artikolu li gie kkundannat diversi drabi u f'diversi pajjizi ghar-reati in konnessjoni ma splussivi.

Hekk per ezempju l-istess artikolu jghid testwalment li:-

*"It is known that the police want to speak to Reginald Cini, originally of Birkirkara, who has been convicted both in Australia and the UK in connection with explosives"*

Illi l-istess artikolu jghid ukoll li:-

*"The police believe that the palm print matched Cini's. Investigators also wanted to question Cini in connection with an explosion that killed a man in Ghajn Dwieli Road, Paola in October 1969" u*

*"Efforts were made by the Police to obtain both palm prints and recent photographs of the suspect from Australia and also the UK. But to no avail as it appears that these efforts were not followed up through diplomatic channels. Unless this is done it would be difficult to obtain the necessary documents since Cini is believed to be an influential figure in the Australian underworld".*

.

Illi huwa minnu li l-istess konvenut sostna li is-sorsi tieghu kienu ta' min jorbot fuqhom, u huwa veru wkoll li l-istess konvenut ghazel li ma jikxifx l-istess ghejjun tal-allegata informazzjoni tieghu, pero' dan ma jfissirx li huwa jista' jippresenta lill-qarrej b'dak li huwa qed issejjah bhala fatt, u ma jaghmel l-ebda tentattiv sabiex jipprova l-veracita' tal-fatti stess allegati minnu, u wisq inqas ma jistax l-attur jistrieh fuq id-difiza li *"huwa wassal lill-pubbliku t-taghrif li jaslilha min fonti ta' minn jorbot fuqhom"* minghajr fil-fatt ma jaghti l-ebda prova ta' xejn, dwar dak li huwa sejjah bhala *taghrif jew informazzjoni.*

Illi in effetti f'dan il-kuntest jigi rilevat li l-istess konvenut imkien ma ipprova li attur kien gie misjub hati in konnessjoni ma reati dwar splussivi fl-Awstralja jew fl-Ingilterra, u lanqas li l-istess attur kien persuna influwenti

f'*underworld* Awstraljana, u lanqas li l-istess attur kien qed jigi mifittex sabiex jigi interrogat in konnessjoni ma' spluzzjoni li qatet ragel fir-Rahal Gdid fin-1969, anzi mill-provi prodotti jidher li dawn l-allegazzjonijiet gew ilkoll kategorikament michuda mill-istess attur, u kkonfermati mill-fedina penali tieghu ta' Malta, li turi li huwa ghandu kondotta nadifa, ghalkemm ammetta li f'xi zmien qabel huwa kien instab hati ta' glied dwar kaz li kien sehh f'Malta, u kien wehel 13-il gurnata Habs fuqu.

Illi tenut kont tal-premess, huwa inutili li l-konvenut jipprova jisposta l-oneru ta' prova dwar il-kontenut tal-istess artikolu fuq l-attur, stante li huwa principju generali f'materji ta' libelli li kif inghad mill-awturi **"Peter F Carter Ruck u Richard Walker**" fit-trattat **"On Libel and Slander"** li:-

*"Two such presumptions which are of great importance are that it is presumed in all actions for defamation that the matter complained of is untrue, and it is presumed in all actions for libel, that damage has been caused to the plaintiff. This means that the entire burden of proving that the matter complained of is true or that it has not caused the plaintiff damage is generally on the defendant. The question of whether the defendant intended to defame the plaintiff is irrelevant so far as the essential ingredients of an action for defamation are concerned".*

Illi ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-konvenut bl-artikolu tal-gazzetta fuq indikat jirrizulta li attribwixxa lill-

attur diversi fatti kif fuq esposti, u senjatament li l-istess attur kien misjub hati fl-Awstralja u l-Ingilterra ta' reati in konnessjoni ma splussivi, li l-attur kien jifforma parti mill-*underworld* Awstaljana, u li l-istess attur kien imfittex mill-Pulizija Maltija sabiex jigi investigat in konnessjoni ma' qtil bi spluzzjoni f'Ghajn Dwieli, Road, Paola fis-sena 1969, li l-ebda wahda ma giet ippruvata mill-istess konvenut, anke kieku l-istess konvenut ried jipprova l-verita' tal-fatti.

Illi l-fatt li **l-artikolu 46 tal-Kap 248** jaghti lill-persuni indikati fl-**artikolu 23** tal-istess Att, li l-konvenut huwa wiehed minnhom, il-privilegg ta' konfidenzjalita' ta' sorsi, li fil-fatt ecceppixxa l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet, ma jfissirx li l-istess konvenut huwa ezentat milli ggib il-prova tal-fatti, meta tali prova tal-fatti hija ammissibbli skond l-**artikolu 12 tal-istess. (**it-tielet paragrafu tal-istess **artikolu 46).**

Illi fil-fatt anke jekk jidher li fil-kaz *de quo* tali difiza tal-prova tal-fatti ma hijiex ammissibbli peress li l-attur ma huwiex wiehed mill-persuni indikati fis-subartikolu 12 (1) (a) sa (e) tal-istess **artikolu 12,** xorta jibqa' l-fatt li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghamel il-prova tal-fatti minnu allegati fl-istess artikolu, anzi almenu mill-provi fuq indikati jirrizulta li l-fatti allegati dwar il-kondotta tal-istess attur, bl-ebda mod ma gew ippruvati, u dan huwa iktar serju meta wiehed jikkonsidra li l-kontenut tal-istess artikolu jattribwixxi lill-attur fatti serjissimi ta' natura kriminali serjissima, u jittenta jorbot l-istess atti kriminali attriwibbli lill-attur ma'

wiehed mill-ghar reati li sehhu fil-Gzejjer taghna, liema reat sallum ghadu ma giex solvut.

Illi fil-fatt mehud l-istess artikolu fil-kumpless tieghu kollu, inkluz l-fatti li gew abbusivament attribwiti lill-attur, li l-konvenut naqas li jipprova, u li din il-Qorti fuq elenkat, jirrizulta li meta wiehed juza il-*"yardstick ta' dak li setgha oggettivament fehem qarrej ta' intelligenza ordinarja hu u jaqra l-artikolu"* wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-attur gie identifikat personalment, dirrettament u b'ismu, bhala persuna ta' notorieta' kriminali, minhabba l-precendenti kriminali tieghu hemm vantati, u l-indizjat numru wiehed f'tali investigazzjoni tal-qtil tal-mibkija Karin Grech, li l-qarrej ordinarju inghata x'jifhem li dan il-kaz kien vicin li jigi solvut, u dan huwa hafna iktar serju meta wiehed jikkunsidra wkoll li l-attur gie precismanent indikat fl-istess artikolu, tant li ma jhalli l-ebda dubju dwar l-identita' tieghu. Dan huwa aktar gravi meta ma jirrizultax li l-istess attur qatt kien akkuzat dwar l-istess reat.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju, almenu mill-atti tal-kawza, li l-allegati fatti esposti fl-artikolu in kwistjoni tal-11 ta' Frar 1996, mhux biss ma gewx ippruvati u huma addirittura kontradetti mill-istess attur, u dan senjatament fejn fl-istess artikolu hemm allegat li l-istess attur gie misjub hati f'diversi pajjizi inkluz l-Awstalja u l-Ingilterra, u fejn hemm allegat li l-attur *"is believed to be an influential figure in the Australian underworld"* u f'punti ohra fl-istess artikolu li gew fuq elenkati, izda gie pruvat ukoll li tali fatti

attribwibbli lill-attur, kif esposti fl-istess artikolu joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku, u la darba l-istess fatti hemm indikati jirrizultaw li mhux minnhom, ma jista' qatt jinghad li fil-konfront tal-attur tali brani mill-artikolu jistghu jikkostitwixxu *taghrif li kellha fil-pussess taghha in buona fede il-gazzetta,* stante li taghrif jew tixrid ta' informazzjoni necassarjament jimporta li din tkun ibbazata fuq fatti veri u pruvabbli, li in verita' dan ma rrizultax mill-atti processwali odjerni; anzi jirrizulta mankanza ghal kollox taghhom, b'mod li jidher li l-istess artikolu kellu ammont sostanzjali ta' inezattezzi fil-konfront tal-attur.

Illi l-konkluzjoni li ssegwi ghalhekk hija li wiehed "*jikkonkludi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitati lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar*" (**"Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo"** – P.A. F 27.4.1989 Vol. LXXIII.III.793).

Illi huwa sintomatiku li din il-Qorti kkunsidrat l-istess artikolu oggezzjonat fid-dawl ta' dak li intqal fis-sentenza **"Onor. Segretarju Parlamentari Joe Fenech vs Evarist Bartolo"** (A.C. 8 ta' Gunju 1999), u cioe` illi:

*"Ma kienx mehtieg li l-fatti determinati attribwiti lill-attur ikunu espressi b'mod dirett u car. Setghu jkunu ukoll inferiti b'mod indirett imma daqstant iehor car mill-fatti ohra relatati fl-artikolu taht ezami. Jekk is-sens tal-artikolu jkun wiehed univoku u l-konkluzjoni li necessarjament jasal ghaliha l-*

*qarrej ordinarju inevitabilment tkun dik li l-fatti ma setghux sehhew jekk mhux kif jinterpretahom l-attur u li dak kien is-sens fattwali tal-artikolu, allura dak il-fatt anke jekk mhux raportat b'mod espress, xorta kellu jittiehed li hu fatt determinat attribwit lill-attur, li l-konvenut kien obbligat li jipprova".*

Illi dwar in-natura malafamanti tal-istess artikolu, wiehed ukoll jirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"John Zammit vs Felix Agius"** (RCP 15 ta' Marzu 2000).

Illi stabbilit il-premess, jirrizulta wkoll li tali insinwazzjonijiet ghandhom fihom innifishom l-intenzjoni li jingurjaw u f'dan il-kaz, inaqqsu r-reputazzjoni tal-attur f'dan il-kaz, ghaliex meta l-fatti huma minnhom innifishom malafamanti "*l-animus injuriandi*" jkun prezunt "*cum verba sunt per se injuriosa, animus iniuriandi praesunitur*" ("**Profs. John Rizzo Naudi vs Felix Agius et**" – App. 13-5-1997). "*Libel does not depend upon the intention of the defamer but on the fact of the defamation*" **("Pul. vs J. Micallef Stafrace et"** – A.K. Vol. XLIII IV pg 880).

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-azzjoni attrici tirrizulta li hija ppruvata u ghalhekk gustifikata, u ssib li l-artikolu ndikat huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur, ghaliex inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

## III. LIKWIDAZZJONI.

Illi ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha sa massimu ta' hames t'elef Lira Maltija (Lm5,000).

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, u minhabba il-gravita' tal-allegazzjonijiet serjissimi kontenuti fl-istess artikolu, tenut kont li tali allegazzjonijiet saru fil-konfront tal-attur, direttament indikat, u li tali hija persuna privata, jidher li giet serjament pregudikata anke fi-hajja taghha, kawza tal-istess artikolu, l-Qorti tillikwida u tiffissa d-danni fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1,500).

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet tal-attur** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut fil-kapacita tieghu kif citata ta malafama lill-attur bl-artikoli fuq imsemmija.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a tenur ta' l-**Artikolu 28 tal-Kap 248** fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500)

3. Tordna l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni fl-ammont ta' elf, u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) lill-attur.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**